# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 736

KAZ NRU. 1019

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Air Malta Co Ltd

u

Union of Cabin Crew

dwar (i) allegata "Industrial Injury" u (ii) ingagg ta' impjiegi definit ikkonvertiti indefinit

31 JUL 1996

Chairman : Is-Sur Carmel Debono

Membri : Is-Sur Alfred Mallia Milanes
Is-Sur Alfred Buhagiar

## 1. INTRODUZZJONI

Din it-Tilwima tax-Xoghol giet riferita mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani lit-Tribunal Industrijali permezz ta' ittra datata it-3 ta' April, 1996 Ref. ME 4/95/128/II biex tigi processata skond l-Att XXX tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali.

L-Air Malta, li minn issa tidher bhala l-Kumpanija kienet rapprezentata mis-sinjuri Anthony DeGiovanni, Wilfred Borg u Oliver Titley, Co-ordinator Employee Relations, Division Co-ordinator Operations, u Head Flight Services rispettivament assistiti mill-

avukat Andrew Borg Cardona, waqt li l-Union of Cabin Crew li minn issa tidher bhala l-"Union" kienet rapprezentata mis-sur Joe Fava, Segretarju u s-sur Mario Genovese, President assistiti mill-avukat Pio Valletta.

It-Tribunal zamm laqgha preliminari u sitt (6) seduti.

Il-laqgha preliminari saret l-Erbgha 3 ta' April, 1996 fis-2.00p.m. fid-Dipartiment tax-Xoghol.

Fl-ewwel seduta li saret it-Tnejn 8 ta' April, 1996 fl-Awla tal-Qorti Superjuri, wara appell mit-Tribunal, il-partijiet qablu li jissospendu l-azzjonijiet li kienu hadu.
Qablu wkoll li l-kaz dwar item (i) rigward il-kaz ta' Mariella Borg li korriet meta kienet b'xoghol barra minn Malta jigi riferit lill-arbitru privat.

Il-Kumpanija rrizervat li tikkonferma l-qbil taghha ghal kaz Mariella Borg.
Din il-konferma sehhet fit-tielet seduta.

2. <u>XHIEDA</u>

Tul is-smigh tat-Tilwima xehdu s-segwenti :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Anthony DeGiovanni | - | Co-ordinator Employee Relations |
| Is-Sur Wilfred Borg | - | Division Co-ordinator Operations |

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Oliver Titley | - | Head Flight Services |
| Is-Sur Joe Fava | - | Segretarju - U.C.C. |
| Is-Sur Reuben Abdilla | - | Cabin Crew Member |
| Is-Sur Melvyn Vassallo | - | Cabin Crew Member |
| Is-Sinjorina Elaine Balzan | - | Cabin Crew Member |

Nota L-ahhar tliet xhieda kienu involuti fit-tieni item (ii) tat-Tilwima.

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Mario Genovese | - | President U.C.C. |

3. TERMS OF REMIT

Il-Kumpanija ssottomettiet is-segwenti Terms of Remit :-

"Peress illi l-Kumpanija ghandha ragun illi l-korriment li sofriet impjegata taghha Mariella Borg ma huwiex korriment bhala rizultat tad-doveri taghha stante illi dan gara waqt li kienet fil-hin liberu taghha u b'negligenza kontributorja da parti ta' l-istess impjegata kif jigi spjegat waqt is-smigh."

"Peress illi l-Kumpanija hija gustifikata illi tikkonverti kuntratti ta' xoghol ghal zmien definit ta' numru ta' impjegati taghha ghall-kuntratti ta' zmien indefinit u dan stante illi fiz-zmien illi l-istess kuntratti gew accettati ma kienx hemm Ftehim Kollettiv vigenti u stante wkoll illi l-istess kuntratti huma soggetti ghal xi eventwali Ftehim Kollettiv."

"Peress illi l-Union of Cabin Crew ghalhekk ma hijiex gustifikata illi tinsisti fuq l-interpretazzjoni taghha tal-kundizzjonijiet li

ghandhom jirregolaw dawn il-kazijiet."

"Ghaldaqstant it-Tribunal huwa mitlub illi :

(a) Jiddikjara illi l-Kumpanija ghandha dritt tagixxi kif qed tagixxi fiz-zewg kazijiet

(b) Jordna lill-Union illi ma tostakolax lill-Kumpanija f'dan ir-rigward u ghalhekk ma taghtix direttivi jew b'xi mod iehor tappoggja azzjonijiet f'dan ir-rigward"

biex b'hekk tinghalaq din it-Tilwima tax-Xoghol.

4. <u>DOKUMENTI</u>

Tul is-smigh tat-Tilwima gew prezentati s-segwenti dokumenti :-

(i) "Brief on chronological order of events relating to the dispute between Air Malta and Union of Cabin Crew on Conditions of Employment" datat 10 ta' April 1996 fuq il-firma tas-sur A. DeGiovanni.

(ii) Fotokopja ta' ittra datata 6 ta' Jannar 1994 mis-sur DeGiovanni lis-Segretarju tal-U.C.C.

(iii) Fotokopja ta' ittra datata 20 ta' Gunju, 1994 mis-sur DeGiovanni lis-Segretarju tal-U.C.C.

(iv) Fotokopja ta' ittra datata 23 ta' Gunju, 1994 mis-sur Jos. Fava lis-sur DeGiovanni.

(v) Fotokopja ta' Internal Memo datat 2 ta' Settembru, 1994 mis-sur W. Borg lic-Chairman ta' l-Air Malta.

(vi) Fotokopja ta' Programm ta' Meetings fuq is-suggett Air Malta/U.C.C. Collective Agreement Revision.

(vii) Fotokopja tal-Minuti tal-laqgha bejn l-Air Malta u l-Union of Cabin Crew li nzammet fit-30 ta' Settembru, 1994 iffirmati mill-partijiet.

(viii) Fotokopja ta' ittra datata 19 ta' Dicembru, 1994 mis-sur DeGiovanni lis-sur Fava dwar in-Notice of Termination of

Collective Agreement.

(ix) Fotokopja ta' ittra datata 6 ta' Marzu, 1995 mis-sur DeGiovanni lis-sur Fava biex jitkomplew in-negozjati.

(x) Fotokopja ta' Press Release ta' l-Air Malta datat 16 ta' Novembru 1995 dwar il-Ftehim Kollettiv bejn il-Kumpanija u l-General Workers' Union.

(xi) Fotokopja tal-Minuti tal-laqgha bejn l-Air Malta u l-Union of Cabin Crew mizmuma fid-9 ta' Frar 1996, iffirmati miz-zewg partijiet.

(xii) Fotokopja ta' ittra datata 20 ta' Marzu, 1996 mis-sur DeGiovanni lis-sur Fava dwar l-offerta ta' kuntratt in-definit maghmulha lit-48 impjegati Flight Attendants.

(xiii) Fotokopja ta' ittra datata 27 ta' Marzu 1996 mill-avukat Pio M. Valletta lis-sur DeGiovanni b'risposta ghall-ittra mibghuta lill-Union fl-20 ta' Marzu, 1996.

(xiv) Fotokopja ta' "Contract of Employment" b'kopja ta' "Appendix 'A'" dwar il-Conditions of Employment and Benefits offruti lit-48 Flight Attendants.

(xv) Fotokopja ta' ittra datata 17 ta' Marzu 1995 mis-sur Fava lis-sur DeGiovanni b'risposta ghall-dik tal-Kumpanija datata 6 ta' l-istess xahar. Maghha kien hemm anness foto-kopja ta' l-ahhar pagna ta' kuntratt tax-xoghol ta' Tempor-ary Steward/Stewardess li kien jiskadi fil-31 ta' Ottubru 1993.

(xvi) Fotokopja ta' ittra datata 22 ta' Settembru, 1994 mibghuta mis-sur W. Borg lis-sur J. Fava dwar il-Ftehim Kollettiv gdid.

(xvii) Fotokopja ta' noti "hand written" tal-Union of Cabin Crew dwar allegati inezattezzi bejn l-"Appendix "A" u l-Ftehim mal-General Workers' Union.

(xviii) Fotokopja ta' ittra datata 13 ta' Gunju, 1996 mibghuta mis-sur Fava lis-Segretarju tat-Tribunal ghall-attenzjoni tat-Tribunal, li kellha anness maghha fotokopja ta' ittra bl-istess data lic-Chairman tat-Tribunal rigward id-differenzi bejn l-Appendix "A" u dak parzjalment miftiehem bejn il-partijiet fuq il-Ftehim Kollettiv.

(xix) Kopja tal-Ftehim Kollettiv bejn it-Taqsima Port u Trasport tal-General Workers' Union u l-Air Malta.

(xx) Fotokopja ta' ittra datata 19 ta' Gunju, 1996 mibghuta mis-sur DeGiovanni lit-Tribunal.

5. SOTTOMISSJONIJIET

Il-Kumpanija ssottomettiet li l-oggezzjoni tal-Union ghall-negozjar dirett ma l-individwi mill-Air Malta meta dawn gew offruti kuntratt ta' xoghol ghall-zmien indefinit, ghandu jkun ikkunsidrat fl-isfond li l-Ftehim Kollettiv bejn il-partijiet kien skada.

Il-Kumpanija sostniet li galadarba dan il-Ftehim Kollettiv ma kienx ikopri rinovament, l-effett kien spicca ghall-kollox, ghajr li l-Kumpanija zammet applikabbli dawk il-kundizzjonijiet tal-impjieg fir-rigward ta' l-impjegati li kienu koperti mill-Ftehim Kollettiv skadent.

Il-Kumpanija rreteniet li d-decizjoni li tikkonverti l-kuntratt ta' zmien definit ghal wiehed indefinit ma kinitx timplika negozjar dirett mat-48 individwi kkoncernati, anzi dan il-kuntratt indefinit kien suggett ghall-provvedimenti ta' kull Ftehim Kollettiv eventwali.

Skond il-Kumpanija dan kien mehtieg biex tkun tista' tirkupra parti mill-infieq li kienet qeghda tipprevedi minhabba r-rinovament tal-Ftehim Kollettiv.

Il-Kumpanija qalet li ghalhekk agixxiet sewwa fil-kuntest li ghandha d-dritt tmexxi l-azjenda sewwa meta b'dan il-kuntratt indefinit ma nnegat xejn mid-drittijiet ta' l-Union.

Il-Kumpanija talbet lit-Tribunal jiddikjara li kellha ragun fl-azzjoni li hadet.

Il-Union issottemettiet li t-48 impjegati li gew offruti kuntratt ta' xoghol ghal zmien indefinit fil-fatt gew "imgeghla" jiffirmaw kuntratt li kien jinkorpora bhala appendici kundizzjonijiet li kienu ghadhom qeghdin jigu diskussi bejn il-partijiet ghall-Ftehim Kollettiv gdid.

Il-Union ikkontendiet li din l-azzjoni rabtet impjegati membri taghha b'kundizzjonijiet li kien ghad ma gewx miftiehma definittivament maghha, meta l-Union tgawdi l-istat ta' "Sole Bargaining Agent" ghall-membri tal-Cabin Crew.

Il-Union sostniet li l-azzjoni tal-Kumpanija kienet sfida diretta lilha u bil-ghan li tottjeni vantaggi ngusti meta abbuzat mill-inesperjenza ta' mpjegati godda herqana li jsahhu l-posizzjoni ta' l-impjieg taghhom.

Il-Union talbet lit-Tribunal jiddeciedi li kellha ragunijiet validi u gusti u li kienet fil-limiti tad-drittijiet taghha li tagixxi kif agixxiet.

Fis-sottomissjonijiet finali taghhom il-Kumpanija u l-Union amplifikaw il-kontenzjonijiet u l-argumenti taghhom sottomessi fit-trattazjoni inizjali. Il-Kumpanija rreteniet li kellha kull dritt li toffri mpjiegi permanenti lil kull min trid u meta trid u li kellha d-diskrezzjoni libera li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u

beneficcji li trid toffri, li kienet fil-maggoranza taghhom innegozjat u qablet dwarhom mal-Union, barra milli ghamlitha cara lil kull min kien ikkoncernat li l-provvedimenti tal-Kuntratti ghal zmien indefinit kienu suggetti ghall-Ftehim Kollettiv eventwali.

Il-Kumpanija sostniet li fic-cirkostanzi kienet gustifikata tiehu d-decizjoni li hadet tenut kont is-sitwazzjoni attwali tas-sospensjoni tat-tahdidiet minn naha tal-Union u l-htigijiet kummercjali tal-Kumpanija. Minn naha taghha l-Union ikkontendiet li l-azzjoni tal-Kumpanija kienet tammonta ghal sfida diretta lill-Union, billi din l-azzjoni nnegat lill-Union id-dritt fundamentali fir-relazzjonijiet industrijali li tezercita r-"recognition" taghha bhala s-"Sole Bargaining Agency". U dan meta fil-fehma tal-Union il-kundizzjonijiet offruti lill-Cabin Crew godda fil-kuntratt indefinit jikkontrastaw mal-kundizzjonijiet applikabbli ghall-membri l-ohra. Il-Union accennat ghall-fatt li l-ufficcjali taghha gew michuda jkunu prezenti fil-laqgha meta gew offruti l-Kuntratti indefiniti u li dawk li gew offruti dawn il-kuntratti ma thallewx johorguh barra l-post tal-laqgha, offerta li saret fuq il-bazi ta' "take it or leave it". Il-Union ikkontendiet li l-agir tal-Kumpanija kien abbuziv u illegali u ma setghetx taqbel li r-raguni ta' produttivita' kien jaghti l-Kumpanija d-dritt li tinjora lill-Union. Rigward is-sospensjoni fit-tul tad-diskussjonijiet dwar il-Ftehim Kollettiv il-Union qalet li dan kien dovut ghall-zewg ragunijiet li ma kienux it-tort tal-Union.

Fil-fehma tal-Union l-assigurazzjoni tal-Kumpanija li l-kuntratt indefinit offrut lill-impjegati nvoluti kien suggett ghall-Ftehim

Kollettiv eventwali kien kopert mill-ligi u ma setghax jkun meqjus bhala koncessjoni tal-Kumpanija.

## 6. KUNSIDERAZZJONIJIET

Fit-Terms of Remit taghha, l-Kumpanija kkontendiet li kienet gustifikata tikkonverti kuntratt ta' xoghol ghal zmien definit ta' numru ta' mpjegati taghha ghall-kuntratt ta' zmien indefinit u dan waqt li fiz-zmien li l-istess kuntratt gie accettat (naturalment mill-individwi) ma kienx hemm Ftehim Kollettiv vigenti u meta l-Kumpanija stqarret li l-istess kuntratt huwa suggett ghall-eventwali Ftehim Kollettiv bejnha u l-Union of Cabin Crew.

Il-Kumpanija kkontendiet li l-Union ma kellhiex gustifikazzjoni tinsisti fuq l-interpretazzjoni taghha tal-kundizzjonijiet li ghandhom jirregolaw dan il-kaz, u li ghaldaqstant talbet lit-Tribunal :

(a) jiddikjara li kellha dritt tagixxi kif agixxiet, u

(b) jordna lill-Union ma tostakolax lill-Kumpanija f'dan ir-rigward u ma taghtix direttivi jew b'xi mod tappoggja azzjonijiet f'dan ir-rigward.

Dan qieghed jigi registrat biex it-Tribunal ikun jista' jasal f'decizjoni gusta fid-dawl tat-Terms of Remit u c-cirkostanzi kollha tat-Tilwima kif zvelati u spjegati tul is-smigh tal-kaz.

It-Tribunal ma setax ma jinnotax certi fatti saljenti li b'xi mod ikkontribwew biex tizviluppa t-Tilwima.

Jidher li l-48 individwi koncernati kien ilhom ghal xi zmien ingaggati bhala Cabin Crew fuq kuntratt ta' zmien definit li gie mgedded diversi drabi, cioe' tlett (3) darbiet.

Jirrizulta li fil-frattemp, il-Kumpanija u l-Union kienu nvoluti f'diskussjonijiet biex igeddu l-Ftehim Kollettiv ta' bejniethom li kien skada f'Marzu 1995 u li skond il-Kumpanija n-negozjati dwaru kienu waslu fi stadju avvanzat, bi tlett "items" pendenti li fuqhom kien ghadu ma ntlahaqx ftehim.

Izda gara li f'xi hin il-Union waqfet fin-negozjati taghha mal-Kumpanija dwar il-Ftehim Kollettiv, waqfien minn Frar sa Novembru 1995.

F'dan il-perjodu kien hemm tilwima bejn il-General Workers' Union u l-Kumpanija li ntemmet fis-16 ta' Novembru, 1995. In-negozjati bejn il-Kumpanija u l-Union of Cabin Crew tkomplew fit-22 ta' Novembru 1995.

Fit-18 ta' Marzu 1996, il-Kumpanija laqqghet lit-48 Cabin Crew fuq kuntratt ta' zmien definit u offritilhom impjieg fuq kuntratt ta' zmien indefinit.

Jumejn wara l-Kumpanija infurmat lill-Union li jekk il-ftehim fuq il-"multiple flights" ma jidholx b'effett fl-1 ta' April 1996, l-offerta taz-zieda fis-salarji ma tkunx tibqa' ssehh.

Fis-27 ta' Marzu, 1996, il-Union infurmat lill-Kumpanija li kienet toggezzjona ghall-negozjar ma' l-impjegati u tat avviz ta' azzjoni ndustrijali.

It-Tribunal jibda biex jiddikjara li hu sodisfatt li inizzjalment kienet l-intenzjoni tal-partijiet li jiddiskutu u jikkonkludu Ftehim Kollettiv immedjatament wara l-iskadenza ta' dak li skada f'Marzu 1995.

It-Tribunal izda jidhirlu li din l-intenzjoni minn naha tal-Union of Cabin Crew sfat influwenzata u riveduta u/jew mibdula, wisq probabbli mit-Tilwima li kienet zviluppat bejn il-Kumpanija u l-General Workers' Union.

Minghajr ma jesprimi ruhu dwar il-meriti tad-decizjoni tal-U.C.C. li tistenna l-ezitu tat-Tilwima bejn il-Kumpanija u l-General Workers' Union qabel ma tkompli n-negozjati dwar il-Ftehim Kollettiv gdid, it-Tribunal ma jistax ma josservax li waqfien twil bhal dan, ta' aktar minn tmien (8) xhur kellu efett fuq l-avvenimenti sussegwenti li wasslu ghat-Tilwima quddiemu.

Barra minnhekk, dan il-waqfien fin-negozjati wassal biex tinholoq sitwazzjoni ta' suspett kemm kien hemm genwinita' minn naha tal-Union, li "in turn" setgha ikkontribwixxa ghas-suspett tal-Kumpanija kemm kien jirnexxilha tintroduci l-"multiple flights" ghall-impjegati godda fuq kuntratt indefinit kieku kellha tikkonsulta lill-Union.

F'dan ir-rigward jidher ukoll li dan il-waqfien u r-rizultanti dewmien fin-negozjati ma jistax jigi attribwit lill-Kumpanija li jidher kellha nteress tikkonkludi Ftehim Kollettiv ahhari malajr u ntilfet il-fiducja reciproka.

Min naha l-ohra hareg car waqt is-smigh tat-Tilwima li l-Kumpanija ma riditx jasal Gunju iz-zmien l-aktar favorevoli ghall-"business" taghha u titlef l-effett produttiv tal-mizuri - l-aktar wahda mportanti dik tal-"multiple flights" - li riedet u otteniet f'dak li kienet lahqet ftehim fuqhom mal-U.C.C. fil-Ftehim Kollettiv parzjali.

Kwindi l-Kumpanija ddecidiet li tlaqqa lit-48 impjegati fuq kuntratt ta' zmien definit u toffrilhom kuntratt ta' zmien indefinit.

Ma hemmx kontestazzjoni li din id-decizjoni kienet timplika li l-individwi ma gewx infurmati s-suggett li ghalih kienu ordnati jattendu u li l-Union li tirrapprezenthom ma gietx imgharfa u lanqas ikkonsultata, minkejja li l-Kumpanija stqarret li sa mil-bidu tal-impjieg taghhom kienet ikkoncediet lill-U.C.C. tirrapprezenta lit-48 individwi.

It-Tribunal huwa sodisfatt li ghalkemm il-Union involuta ma kienitx ikkonsultata, dan ma kienx ghar-raguni li l-Kumpanija riedet tinnegozja direttament ma' l-individwi kkoncernati.

F'dan ir-rigward, hija l-fehma tat-Tribunal li l-Kumpanija ghamlet

hekk mhux bi sfida lill-Union izda minhabba l-apprensjoni jew il-biza' li kieku kkonsultat lill-Union qabel, kien ikun hemm rifjut mit-48 individwu li jaccettaw il-kuntratt ghall-zmien indefinit u per konsegwenza jintilef l-element pozittiv ta' produttivita' ahjar mill-"miltiple flights", li hija meqjusa ferm necessarja ghall-Kumpanija.

It-Tribunal jidhirlu li l-Kumpanija hadet riskju kkalkolat meta ddecidiet hekk pero' dan waqt li f'ghajnejn il-Kumpanija jista' jitqies gustifikat mill-angolu kummercjali, ma jistax jitqies gustifikat mill-lat tar-relazzjonijiet industrijali.

Il-fatt li l-ufficcjali tal-Union taw parir lit-48 individwi waqt il-"break" fil-laqgha taghhom mal-Management biex ma jiffirmaw xejn irid ikun meqjus fl-isfond ta' nuqqas ta' konsultazzjoni mal-Union u njoranza ta' f'hiex kien jikkonsisti l-kuntratt li kien qieghed jigi offrut lill-individwi, meta hadd minnhom ma seta' johrog il-kuntratt u jurih lill-ufficcjali tal-Union.

F'dan l-istadju t-Tribunal irid jirreverti ghal dik il-parti precedenti tad-dewmien jew waqfien ta' aktar minn 8 xhur fin-negozjati ghall-Ftehim Kollettiv gdid bejn il-Kumpanija u l-U.C.C. biex ukoll jistqarr li anke f'dik l-okkazjoni il-U.C.C. hadet riskju li kkontribwixxa biex ikkonstringa serjament iz-zmien li bih seta' jintlahaq ftehim ahhari u tigi evitata t-Tilwima quddiem dan it-Tribunal.

Ghall-dak li ntqal li barra t-tlett items identifikati li dwarhom il-Kumpanija u l-Union kienu ghadhom ma lahqux ftehim, kien hemm ukoll punti ohra fl-Appendici "A" anness mal-kuntratt ghal zmien indefinit ipprezentat lit-48 impjegati nvoluti fil-laqgha mghajta ghalihom, li ma kienux jaqblu ma dak li kienu ftehmu l-partijiet, it-Tribunal ma jidhirlux li t-Tilwima tikkoncerna dan l-aspett, meta il-punt principali tat-Tilwima huwa jekk il-Kumpanija agixx-ietx korrettament meta offriet il-kuntratt ghall-zmien indefinit lill-48 individwu minghajr ma dahhlet lill-Union f'konsultazzjoni.

Fil-fehma tat-Tribunal, il-punti allegati li ma jaqblux ma dak li gie diskuss bejn il-partijiet ghall-formazzjoni ta' Ftehim Kollet-tiv eventwali jistghu liberament jigu rizolti fit-tahdidiet finali qabel il-konkluzjoni ta' Ftehim Kollettiv gdid.

7. DECIZJONI

Kif diga' gie dikjarat f'decizjoni precedenti, l-Management ghandu d-dritt esklussiv li jiddetermina id-doveri (duties) ta' l-impjegati u dawn jistghu ukoll ikunu differenti ghall-impjegati godda, izda dan ghandu jsir dejjem wara konsultazzjoni mal-Union. Ghadaqstant it-Tribunal ma jistax japprova nuqqas ta' taghrif lill/jew konsultazzjoni mal-Union ikkoncernata, anke jekk ikun hemm il-biza' li l-Union tista' ma taqbilx ma dawn id-doveri jew kundizzjonijiet.

It-Tribunal jifhem li f'din ic-cirkostanza l-Union kienet qablet

mal-provvediment tal-"multiple flights" u ma jistax jara r-raguni l-ghala certi mizuri ta' produttivita' aktar u/jew efficcjenza ahjar ma jistghux jigu applikati anke qabel il-Ftehim Kollettiv eventwali, kemm-il-darba l-partijiet ikun qablu dwarhom.

It-Tribunal huwa sodisfatt li d-decizjoni tal-Kumpanija li tlaqqa' t-48 individwi biex toffrilhom kuntratt tax-xoghol ghall-zmien indefinit minflok wiehed ta' zmien definit ma kienx motivat biex ixxejjen id-dritt tar-rapprezentanza tal-Union u/jew biex tinnegozja dirattament ma l-individwi. Ghax kieku kien hekk jistaqsi t-Tribunal, x'sens kien fih li l-Kumpanija tinforma lill-individwi li ma kinitx sejra tinnegozja maghhom il-kundizzjonijiet u li kull tibdil fil-Ftehim Kollettiv eventwali mal-Union ikun appliikabbli ghalihom ukoll?

It-Tribunal irid jiehu dan l-opportunita' biex ifakkar li biex ir-relazzjonijiet industrijali bejn minn ihaddem u dawk li jahdmu jkunu sani, jinhtiegu l-fiducja' shiha bejn il-partijiet.

Din ghandha tkun ibbazata fuq l-gharfien reciproku tad-doveri u d-drittijiet ta' l-"employers" u ta' l-"employees" u ta' dawk li jirraprezentawhom.

F'dan ir-rigward l-ebda Tribunal ma jista' jichad lill-Management id-dritt li jottjeni aktar produttivita' b'mezzi gusti u lill-Unions li jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xoghol

It-Tribunal ghalhekk ma jistennix li Union tibqa' passiva u tit-

tratient. [illegible]troduzzjoni ta' mezzi [illegible]hjar [illegible] tizdied il-produttivita' u tippretendi li tottjeni iz[illegible] [illegible]l-pagi jew salarji minghajr l-applikazzjoni ta' mezzi ta' din ix-xorta.

Jidher li fit-Tilwima quddiemu, l-fiducja bejn il-partijiet kienet pregudikata serjament u t-Tribunal ghalhekk jezorta lill-Kumpanija u lill-Union of Cabin Crew biex kemm jista' jkun malajr jafdaw lill-xulxin u jirrizolvu d-differenzi li baqa' bejniethom.

B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

Carmel Debono
CHAIRMAN

Alfred Mallia Milanes
MEMBRU

Alfred Buhagiar
MEMBRU

Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg